# ĠIMGĦA TA’ TALB
# GĦALL-GĦAQDA FOST L-INSARA
# 2012

*Aħna lkoll nitbiddlu bir-rebħa*

*permezz ta’ Sidna Ġesu’ Kristu*

(1 Kor 15:51-58)


Kummissjoni Ekumenika Djoċesana

Arċidjoċesi ta’ Malta



Jannar 2012

## Werrej


- Daħla (Dun Hector Scerri) 3
- Tagħrif Ġenerali (Sur Carm Grima) 5
- Ħsieb qasir għal kull ġurnata (Sur Karm Grima) 7
- Talbiet ta' Maħfra (Dun Hector Scerri) 12
- Talbiet tal-Komunita' (*minn diversi*) 13
- Adorazzjoni animata (Dun Hector Scerri) 15
- Tagħrif ieħor (Dun Reuben Gauci) 24

# DAĦLA

Reġgħet waslet il-ġimgħa li matulha aħna l-Kattoliċi, flimkien mal-Insara tad-dinja kollha, nagħmlu jiem ta' talb għall-għaqda fost l-Insara. Dan huwa appuntament li jirrepeti ruħu kull sena – bejn it-18 u l-25 ta' Jannar. Din is-sena wkoll, il-Kummissjoni Ekumenika qed tieħu ħsieb li twassal xi materjal li jista' jkun ta' għajnuna għalik fil-ħidma tiegħek.

F'dan il-ktejjeb, għandek issib: Introduzzjoni għat-tema magħżula għall-2012, Ħsieb qasir għal kull ġurnata, Talbiet ta' maħfra, u Talbiet tal-Komunita', Adorazzjoni u xi Informazzjoni oħra. Nittama li dan il-materjal ikun ta' siwi għalik u għal dawk li inti taħdem magħhom – fil-parroċċa, fil-komunita' reliġjuża tiegħek, fil-grupp, għaqda jew moviment li inti tieħu ħsieb, jew fil-kulleġġ jew skola li inti tmexxi. Dan il-materjal qiegħed jitpoġġa wkoll fuq is-sit tal-Arċidjoċesi. Tista' tniżżlu u bil-liberta' kollha tadattah kif trid.

It-tema għall-2012 – magħżula, bħal kull sena, mill-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni tal-Għaqda fost l-Insara u mill-Kunsill Dinji tal-Knejjes – hija meħuda mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin: "*Aħna lkoll nitbiddlu bir-rebħa permezz ta' Sidna Ġesu' Kristu*". Nittama li din is-silta mill-Kelma t'Alla tkun ta' ispirazzjoni għal ħajtek, għall-ħidma tiegħek u għal dawk kollha fejn qed taqdi l-missjoni tiegħek.

Aħbar tajba li xtaqt inwasslilkom hi li minn din is-sena (2012), il-Kummissjoni Ekumenika hija membru tas-Societas Oecumenica. Din l-għaqda u l-membri tagħha minn madwar

l-Ewropa għandhom ikunu strumentali biex il-Kummissjoni tifrex il-kuntatti li għandha.

Is-sena li għaddiet, f'dan il-messaġġ tiegħi, semmejt lill-Professur Patri Maurice Eminyan S.J., pijunier tal-ekumeniżmu ġewwa Malta, u li għadda għall-ħajja ta' dejjem fl-14 ta' Diċembru 2010. Illum nixtieq insellem il-memorja ta' Patri Donat Spiteri O.F.M.Cap. li miet fid-19 ta' Diċembru 2011. Ħafna jiftakruh fil-pastorali biblika fuq il-mezzi tax-xandir, permezz tal-pubblikazzjoni ta' *Kliem il-Ħajja*, u oħrajn jafuh bħala l-professur tagħhom fl-Universita' jew l-Inserm. Fatt li forsi ftit jissemma huwa l-kuntatti ekumeniċi li kellu Patri Donat, l-aktar minħabba l-ħidma twila tiegħu fl-Għaqda Biblika Maltija, kif ukoll minħabba n-natural ħelu u konċiljattiv tiegħu.

Il-Knisja f'Malta hija grata ħafna lejn il-ħidma effikaċi ta' dan is-saċerdot u reliġjuż Franġiskan Kapuċċin – ħidma f'ħafna oqsma, anke fil-pastorali parrokkjali ġewwa l-Marsa u f'San Ġwann. J'Alla l-ħeġġa u l-impenn ta' Patri Donat ikomplu jispirawna, l-aktar biex bħalu nżewġu l-Kelma t'Alla mal-ħajja ta' kuljum.

Inselli għalik u nixtieqlek kull ġid fil-Mulej.

Dun Hector Scerri
President – Kummissjoni Ekumenika Djoċesana
Tel. 25906502, 21443543
e-mail: ecumenical.commission@maltadiocese.org

# TAGĦRIF ĠENERALI

## Introduzzjoni għat-tema tas-sena 2012

*"Aħna lkoll nitbiddlu bir-rebħa*

*permezz ta' Sidna Ġesu' Kristu*" (1 Kor 15:51-58)

Il-materjal għall-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara għas-sena 2012 tħejja minn grupp magħmul minn rappreżentanti tal-Knisja Kattolika, il-Knisja Ortodossa u Komunitajiet Protestanti u *Old Catholics* fil-Polonja.

L-istorja twila tan-nazzjon Pollakk iggwidat lil dan il-grupp ekumeniku biex jirrifletti aktar fil-fond xi tfisser 'tirbaħ' u 'titlef' speċjalment kif tiftiehem il-lingwa 'tar-rebħa' f'termini ta' trijonf jew rebħa fuq l-għadu.

Iżda Kristu jurina triq oħra !

Meta d-dixxipi ta' Ġesù argumentaw dwar *'min kien l-akbar minnhom'* (Mk 9:34) kien jidher ċar li dan l-impuls kien qawwi. Imma r-reazzjoni ta' Ġesù kienet sempliċi: *'Jekk xi ħadd irid ikun l-ewwel wieħed, għandu joqgħod wara kulħadd u jkun qaddej ta' kulħadd'* (Mk 9:35). Dawn il-kelmiet juru rebħa permezz ta' servizz ta' wieħed lejn l-ieħor, għajnuna,

żieda ta' stima personali ta' dawk li jinsabu 'l-aħħar', minsija, jew abbandunati. Għall-Insara kollha l-aħjar espressjoni ta' servizz umli bħal dan hu Ġesù Kristu, u r-rebħa tiegħu permezz tal-mewt u l-qawmien. Huwa minn ħajtu, mill-azzjonijiet u t-tagħlim tiegħu, mill-mewt u l-qawmien li nispiraw ruħna għall-ħajja rebbieħa ta' fidi li turi ruħha f'għajnuna lil ħaddieħor fi spirtu ta' umiltà, servizz u fidi qawwija fil-Vanġelu. U waqt li kien qed jistenna t-tbatija u l-mewt li kellhom jaslu fuqu, ***huwa talab sabiex id-dixxipli jkunu ħaġa waħda ħalli d-dinja temmen***.

Ir-rebħa li jsemmi San Pawl hija possibbli biss permezz ta' bidla spiritwali u konverżjoni. Għalhekk aħna nikkonsidraw li t-tema tal-meditazzjonijiet għandha tkun mill-kliem tal-Appostlu tal-Ġnus. Il-punt finali huwa li jkollna rebħa li tiġbor l-Insara madwar is-servizz t'Alla u tal-proxxmu, hu min hu.

Fil-pjan tas-salvazzjoni t'Alla hemm spazju għal kulħadd. Permezz tal-mewt u l-qawmien, Ġesù jgħannaq miegħu lil kulħadd, irrispettivament jekk hux tellief jew rebbieħ, *'biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem'* (Ġw 3:15). Aħna wkoll nistgħu nipparteċipaw fir-rebħa tiegħu! Ikun biżżejjed li temmen fih, u jkun biżżejjed biex inkunu nistgħu nirbħu l-ħażin bit-tajjeb.

**Ħsieb qasir għal kuljum (18-25 ta' Jannar)**

*Għar-riflessjoni tiegħek u tal-grupp tiegħek. Nissuġġerixxu li jinqara fil-bidu tal-Quddiesa jew fl-assembly tat-tfal tal-iskola.*

Għall-ġimgħa li ġejja aħna mistednin biex napprofondixxu aktar il-fidi tagħna sabiex ninbidlu permezz tar-rebħa li għamel Ġesù stess. Nibdew billi nikkontemplaw lil Kristu li ġie biex jaqdi, u l-vjaġġ tagħna jeħodna għaċ-ċelebrazzjoni finali tas-Saltna tiegħu, permezz tas-salib u l-qawmien.

L-ewwel jum: L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2012

Mibdulin bi Kristu l-qaddej.

*Bin il-bniedem ġie biex jaqdi.* (Mk 10:45)

Illum, aħna li nemmnu fi Kristu mxerrdin mad-dinja kollha, nibdew ġimgħa ta' talb għall-għaqda fost l-Insara. F'dan l-ewwel jum niltaqgħu ma' Ġesù, fit-triq għar-rebħa tiegħu permezz tal-qadi jew servizz. Naraw fih dak li ġie mhux biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra. Għalhekk, il-Knisja ta' Ġesù Kristu hija komunità li taqdi. L-użu tad-doni tagħna fis-servizz komuni għall-umanità juri l-għaqda tagħna fi Kristu.

It-Tieni Jum: Il-Ħamis 19 ta' Jannar 2012

Mibdulin nistennew bis-sabar lill-Mulej.

*Għalissa ħallik minn dan, għax hekk jixraq nagħmlu biex intemmu s-sewwa kollu.* (Mt 3:15)

F'dan il-jum ta' talb għall-għaqda fost l-Insara naħsbu fuq l-istennija għall-Mulej. Biex naslu għal kull bidla hemm bżonn ta' perseveranza u paċenzja. L-istennija għall-Mulej hija essenzjali għal dawk kollha li matul din il-ġimgħa jitolbu għall-għaqda tal-Knisja li tidher. Aħna lkoll msejħin biex nissieħbu mal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu għall-għaqda fost l-Insara.

*Il-lejla fis-6.30pm se jsir Servizz Ekumeniku fil-Pro-Katidral tal-Anglikani, il-Belt. Se jipprietka Mons. Arċisqof P.Cremona O.P.*

It-Tielet Jum: Il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2012

Mibdulin bil-Qaddej li jbati

*Kristu sofra għalina.* (1 Pt 2:21)

Dan il-jum jitlobna nirriflettu fuq it-tbatija ta' Kristu. Fil-mixja wara Kristu l-qaddej li qed ibati, aħna l-Insara msejħin sabiex inkunu ħaġa waħda ma' min ibati. Aktar ma nkunu qrib tas-salib ta' Kristu aktar inkunu qrib ta' xulxin. Inkomplu nitolbu għall-għaqda fost l-Insara.

Ir-Raba’ Jum: Is-Sibt 21 ta’ Jannar 2012

Mibdulin mir-rebħa tal-Mulej fuq il-ħażen.

*Irbħu l-ħażen bit-tajjeb.* (Rum 12:21)

Waqt li nkomplu nitolbu għall-għaqda fost l-Insara, dan il-jum jeħodna aktar fil-fond fil-ġlieda tagħna kontra l-ħażen. F’Ġesù aħna msejħin biex nipparteċipaw fil-ħajja l-ġdida, niġġieldu flimkien miegħu kontra l-ħażen tad-dinja b’kunfidenza ġdida u b’għaxqa f’dak li hu tajjeb u sewwa.

Il-Ħames jum: il-Ħadd 22 ta’ Jannar 2012 (III Ħadd)

Is-sejħa għall-konverżjoni.

*Indmu u emmnu fl-Evanġelju*. (Mk 1:15)

Matul din il-ġimgħa qegħdin nitolbu għall-għaqda fost l-Insara. Illum, kemm fl-Ewwel Qari, kif ukoll fl-Evanġelju, għandna sejħa għall-konverżjoni: *Indmu u emmnu*. Is-sejħa li għandna bħala Kattoliċi – flimkien mal-Insara tad-dinja kollha – hi li naħdmu sabiex negħlbu firdiet antiki. L-ewwel pass f’din it-triq hu li nindmu u nemmnu fil-kelma tal-Evanġelju.

## Is-sitt jum: It-Tnejn 23 ta’ Jannar 2012

### Mibdulin mill-imħabba dejjiema t’Alla

*Din hi r-rebħa fuq id-dinja, il-fidi tagħna.* (1 Ġw 5:4)

F’dan il-jum nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq l-imħabba dejjiema t’Alla. Il-misteru tal-Għid jurina din l-imħabba qawwija u t-triq ġdida tal-fidi. Il-fidi tirbaħ il-biża’ u tiftaħ qalbna għall-qawwa tal-Ispirtu. Fidi bħal din twassalna għal ħbiberija ma’ Kristu, u ma’ xulxin. Dan huwa aspett importanti fil-ħidma għall-għaqda fost l-insara.

## Is-seba’ jum: it-Tlieta 24 ta’ Jannar 2012

### Mibdulin mir-Ragħaj it-Tajjeb

*Irgħa n-nagħaġ tiegħi.* (Ġw 21:19)

F’dan il-jum ta’ talb għall-għaqda fost l-Insara, ejjew niftakru li huwa l-Mulej li jsaħħaħ il-merħla. Meta nimxu wara r-Ragħaj it-Tajjeb aħna msejħin biex insaħħu lil xulxin fil-Mulej, u biex insostnu u nagħtu s-saħħa lil min hu dgħajef u mitluf. Hemm Ragħaj wieħed u aħna l-poplu tiegħu.

## It-tmien jum: l-Erbgħa 25 ta’ Jannar 2012

## Magħqudin fis-saltna ta’ Kristu.

*Lir-rebbieħ nagħtih joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi* (Apok 3.21)

F’dan l-aħħar jum tal-Ġimgħa ta’ Talb għall-Għaqda fost l-Insara, niċċelebraw is-Saltna ta’ Kristu. Ir-rebħa ta’ Kristu tgħinna nħarsu lejn il-futur bit-tama. Din ir-rebħa tegħleb dak kollu li jżommna milli naqsmu fil-milja sħiħa tal-ħajja miegħu u ma’ xulxin. L-insara jafu li l-għaqda bejnietna hija fuq kollox don t’Alla. Hija parti mir-rebħa glorjuża ta’ Kristu fuq dak kollu li jifridna.

## Talbiet ta' maħfra

*Jistgħu jintużaw fil-bidu tal-Quddiesa minflok l-Att Penitenzjali li hemm fil-Missal*

1. Mulej, il-membri tal-ewwel komunita' nisranija, kif naqraw fl-Atti tal-Appostli, kienu qalb waħda u ruħ waħda. Maħfra Mulej ta' kemm fil-komunitajiet tagħna konna 'l bogħod minn dan l-idejal. Mulej ħniena.

2. Mulej, inti trid li dawk kollha li jemmnu fik ikunu ħaġa waħda. Aħfrilna ta' kemm tajna spazju għal firdiet fostna. Kristu ħniena.

3. Mulej, inti trid li aħna nagħmlu mixja ta' konverżjoni mhux biss personali, imma wkoll fir-relazzjoni tagħna bħala Knisja ma' nsara oħra. Maħfra ta' kemm kellna qalbna magħluqa lejn membri ta' komunitajiet insara oħrajn, jew ħarisna lejhom b'suspett. Mulej ħniena.

## Talbiet tal-komunita’

*Dawn jistgħu jintużaw minflok it-Talbiet “tal-fidili” tal-ktieb, jew jiżdiedu magħhom*

1. Missier qaddis, imliena bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu biex inkunu sodi fix-xandir tal-Aħbar it-tajba tar-rikonċiljazzjoni u l-paċi fejn hemm l-inkwiet u l-inġustizzji. Nitolbu.

2. Mulej, li minnek toħroġ kull ħajja, għin lill-Knisja tiegħek biex twettaq is-sejħa tiegħek biex tkun komunita’ magħquda ħaġa waħda fl-imħabba. Nitolbu.

3. Għin lill-komunitajiet tagħna biex napprezzaw id-diversi tradizzjonijet Insara u naħdmu flimkien għal aktar ftehim. Nitolbu.

4. Alla tad-dawl, inti li tajtna l-Kelma tal-ħajja u rċevejna t-tagħlim tal-appostli, agħtina l-Ispirtu tiegħek biex nikbru fl-għarfien tal-Kelma tiegħek biex naqduk fis-saltna tiegħek ta’ umilta’ u mħabba. Nitolbu.

5. Mulej li tnissel fina t-tama permezz tal-mejda tal-Ewkaristija, fejn fl-Ispirtu niltaqgħu ma’ Ġesu’, nitolbuk tressaq il-komunitajiet Insara aktar lejn xulxin biex ikunu Knisja waħda, ilkoll immexxija minn ragħaj wieħed. Nitolbu.

6. Mulej Alla Missierna li inti fis-smewwiet, aħna nfaħħruk li fiż-żminijiet kollha, postijiet u kulturi, tant persuni resqu lejn xulxin permezz tat-talb. Għallimna nitolbu aħjar bħala Insara flimkien ħalli nagħrfu iżjed li inti dejjem magħna biex tmexxina u biex tagħmlilna kuraġġ fil-ferħ u n-niket tagħna. Nitolbu.

7. Mulej, protettur tar-romol, orfni, barranin, f'dinja mimlija diffikultajiet, Int qajjimt lil Ibnek Ġesu' mill-mewt biex tagħti t-tama lill-umanita' u tiġdid lid-dinja. Kompli saħħaħna u għaqqad l-impenn tal-Insara minn Knejjes u Komunitajiet differenti biex flimkien jaħdmu favur il-bniedem fil-bżonn. Nitolbu.

8. Missier qaddis, imla bil-kuraġġ u l-qawwa lil dawk li qed jimpenjaw irwieħhom fil-mixja ta' konverżjoni biex il-Knejjes Insara isiru aktar ħaġa waħda kif jixtieqna Ġesu u b'hekk id-dinja temmen li Ġesu' hu l-mibgħut tiegħek mhux biex jiġġudikaha imma biex isalvaha. Nitolbu.

# ADORAZZJONI ANIMATA
# WAQT IL-ĠIMGĦA TA' TALB GĦALL-GĦAQDA
# FOST L-INSARA

*Aħna lkoll nitbiddlu bir-rebħa*
*permezz ta' Sidna Ġesu' Kristu*
(1 Kor 15:51-58)

**Espożizzjoni**: Kant ta' Innu Ewkaristiku

## Ħsieb 1: Introduzzjoni

Ħuti għeżież, ġejna hawnhekk flimkien, illum, quddiem Ġesu' Ewkaristija biex nitolbu għal intenzjoni partikulari, intenzjoni li forsi s-soltu ma tantx nagħtuha importanza. Qegħdin waqt il-Ġimgħa ta' Talb li jsir mad-dinja kollha għall-Għaqda fost l-Insara. Kull sena, bejn it-18 ta' Jannar u l-25 ta' Jannar, Festa tal-Konverżjoni tal-Appostlu tal-Ġnus, San Pawl, issir din il-ġimgħa ta' interċessjoni biex l-insara mifrudin jersqu aktar lejn xulxin, bit-tama li jingħelbu l-firdiet bejn il-Knejjes u d-denominazzjonijiet insara differenti. Hija tassew ħasra li matul l-istorja twila tagħha, il-Knisja ġarrbet bosta firdiet. Insemmu l-firda tal-Ortodossi fis-Seklu Ħdax, u aktar tard, il-firda tal-Protestanti, fis-Seklu Sittax.

Mulej Ġesu’, l-għan tagħna, illum, waqt din l-adorazzjoni huwa li nitolbu biex l-insara mifruda jersqu aktar lejn xulxin billi negħlbu suspetti antiki, u biex il-ħidma ekumenika li ssir mill-Insara tħalli frott li jidher. Matul din il-ġimgħa, u drabi oħra matul is-sena, ħafna huma l-Insara li jinġabru flimkien sabiex jitolbu għall-għaqda. Inti stess, Mulej Ġesu’, lejlet il-Passjoni tiegħu, tlabt bil-ħerqa lill-Missier: “Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni” (Ġw 17,21).

*Pawsa ta’ adorazzjoni fis-skiet*

**Talbiet ta’ maħfra:**

- Mulej, il-membri tal-ewwel komunita’ nisranija, kif naqraw fl-Atti tal-Appostli, kienu qalb waħda u ruħ waħda. Maħfra Mulej ta’ kemm fil-komunitajiet tagħna konna ‘l bogħod minn dan l-idejal. Mulej ħniena.
- Mulej, inti trid li dawk kollha li jemmnu fik ikunu ħaġa waħda. Aħfrilna ta’ kemm tajna spazju għal firdiet fostna. Kristu ħniena.
- Mulej, inti trid li aħna nagħmlu mixja ta’ konverżjoni mhux biss personali, imma wkoll fir-relazzjoni tagħna bħala Knisja ma’ nsara oħra. Maħfra ta’ kemm kellna qalbna magħluqa lejn

membri ta’ komunitajiet insara oħrajn, jew ħarisna lejhom b’suspett. Mulej ħniena.

**Qari 1**

Mulej, wieħed mis-salmi l-aktar għeżież għall-Poplu tiegħek, il-Poplu Lhudi, huwa Salm 133. Żgur li Int stess kellek ħafna għal qalbek dan is-salm. Huwa għanja li l-membri tal-Poplu Lhudi kienu jkantaw huma u resqin lejn Ġerusalemm, waqt il-pellegrinaġġi tagħhom lejn il-belt qaddisa, fejn kienu jmorru biex bħala poplu wieħed jiċċelebraw il-festi l-kbar fil-kalendarju reliġjuż, partikolarment il-Festa tal-Għid u dik ta’ Għid il-Ħamsin. F’dan is-salm, għandna tifħir lill-imħabba tal-aħwa. Ħuti għeżież, ejjew nisimgħu b’attenzjoni dan is-salm filwaqt li napplikawh għax-xewqa u t-talba tagħna li “l-aħwa Nsara jgħammru flimkien”. Waqt li nisimgħu dan is-salm, agħtina l-grazzja, Mulej Ġesu’, li nsammru l-ħarsa tagħna fuqek u nkomplu ngawdu l-preżenza tiegħek fis-sagrament tal-Ġisem u d-Demm tiegħek.

*Salm 133*

Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa,
li l-aħwa jgħammru flimkien!
Bħal żejt mill-aħjar imsawwab fuq ir-ras,
li jinżel mal-leħja tiegħu,
li jinżel mal-leħja ta’ Aron,

sa fuq l-għonq ta' ħwejġu.
Hu bħan-nida tal-Ħermon,
li tinżel fuq l-għoljiet ta' Sijon;
għax hemm il-Mulej jagħti l-barka,
hemm jagħti ħajja għal dejjem.

*Jitkanta Innu*

**Ħsieb 2**

It-tema li ntgħażlet għal din is-sena mill-Vatikan u mill-Kunsill Dinji tal-Knejjes hija silta mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin: "*Aħna lkoll nitbiddlu bir-rebħa ta' Sidna Ġesu' Kristu*". Mulej Ġesu', Inti tridna nikbru fil-konvinzjoni tagħna li hija r-rebħa tiegħek fuq id-dnub u l-mewt li tittrasforma l-ħajja tagħna, u l-ħajja tal-komunitajiet tagħna. Hija r-rebħa tiegħek li tressaq l-Insara mifrudin lejn xulxin.

Mulej Ġesu', Inti trid li aħna l-Insara – kemm jekk Kattoliċi bħalna, kemm jekk Ortodossi, jew Anglikani, jew Luterani – nagħmlu minn kollox biex nersqu aktar lejn xulxin, u biex flimkien nagħtu xhieda tal-Aħbar it-Tajba li tajtna Int. Ejjew issa nisimgħu s-silta sħiħa mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin minn fejn ittieħdet it-tema.

**Qari 2**

*Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin*

(1 Kor 15:51-58)

Se nħabbrilkom misteru : aħna mhux ilkoll norqdu r-raqda tal-mewt, izda lkoll nitbiddlu, f'waqt wieħed, f'teptipa ta' għajn, mal-aħħar tromba, u l-mejtin iqumu biex ma jitħassrux aktar, u aħna nitbiddlu. Għax jeħtieġ li dan il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u li dan il-ġisem li jmut jilbes l-immortalita'. Meta dak li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, meta dak li jmut jilbes l-immortalita', imbagħad iseħħ dak li hemm miktub, « Inbelgħet il-mewt fir-rebħa. Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek ? Fejn hi, ja Mewt, in-niggieża tiegħek ? » In-niggieża tal-mewt hi d-dnub, u l-qawwa tad-dnub hi l-Liġi. Niżżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesu' Kristu. Għalhekk, ħuti għeżiez, żommu sħiħ, titħarrkux ; ħabirku dejjem fil-ħidma tal-Mulej. Kunu afu li l-ħidma tagħkom fil-Mulej m'hijiex għalxejn.

*Il-Kelma tal-Mulej.*

*Inroddu ħajr lil Alla.*

*Ftit mumenti ta' riflessjoni fis-skiet*

*Jitkanta Innu*

**Ħsieb 3**
Ninsabu hawn quddiemek, Mulej Ġesu' fis-sagrament tal-Ewkaristija, li huwa t-tifkira ħajja tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien tiegħek. Dan huwa s-Sagrament tal-Għid il-Kbir. Bħala nsara, Inti tridna nxandru din l-Aħbar it-Tajba tar-rebħa tiegħek fuq id-dnub u l-mewt. Kull darba li niltaqgħu miegħek, Int tagħtina opportunita' oħra biex nersqu lejk u biex nikkonvertu. Aktar ma ngħixu l-konverżjoni ta' kuljum, ix-xhieda tagħna l-Insara tkun aktar qawwija. Mulej Ġesu', agħtina li aħna l-Kattoliċi nersqu b'imħabba akbar lejn insara oħra mifrudin minna. Ejjew nitolbu għall-għaqda fostna biex ix-xhieda tagħna tkun aktar b'saħħitha u aktar kredibbli.

*Pawsa fis-skiet*

**Qari 3 – Litanija għall-Għaqda fost l-Insara**
Mulej Ġesu', aħna nduru lejk b'fidi u b'fiduċja. Nitolbuk tisma' t-talb ħerqan tagħna, filwaqt li flimkien aħna nirrepetu : *Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej Ġesu', Inti l-bniedem tas-sema u Adam il-ġdid li sirt ruħ li tagħti l-ħajja.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej Ġesu’, Inti x-xemx tal-ġustizzja li wrejt is-sebħ tiegħek lill-bnedmin kollha.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej Ġesu’, bir-rebħa tiegħek fuq id-dnub u l-mewt, Inti qridt il-bniedem il-qadim u ħlaqt il-bniedem il-ġdid.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej Ġesu’, ftit sigħat qabel il-passjoni tiegħek, Inti tlabt biex isseħħ l-għaqda fost dawk li jemmnu fik biex id-dinja temmen.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej Ġesu’, Inti d-dija ta’ Missierek u d-dawl ta’ dejjem, Inti s-Sultan tal-glorja, l-Iben ta’ Marija.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej Ġesu’, Inti l-Kunsillier tal-għaġeb, il-Prinċep tas-Sliem li trid lilna l-bnedmin ningħaqdu bejnietna.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej Ġesu’, bil-mewt u l-qawmien tiegħek, Inti tajtna li nitbiddlu u nilbsu lilek.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej, ħenn għalina għax dnibna meta sekli ilu, l-insara ta' qabilna taw spazju għall-firdiet li fnew il-Ġisem tiegħek li hu l-Knisja.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Imliena bil-qawwa tal-Ispirtu Qaddis tiegħek biex inkunu sodi fix-xandir tal-Aħbar it-tajba tar-rikonċiljazzjoni u paċi fejn hemm l-inkwiet u l-inġustizzji.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej Ġesu', li minnek toħroġ kull ħajja, għin lill-Knisja tiegħek biex twettaq is-sejħa tiegħek biex tkun komunita' magħquda ħaġa waħda fl-imħabba.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej Ġesu', għin lill-komunitajiet tagħna biex napprezzaw id-diversi tradizzjonijet Insara u naħdmu flimkien għal aktar ftehim.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Alla tad-dawl, inti li tajtna l-Kelma tal-ħajja u rċevejna t-tagħlim tal-appostli, agħtina l-Ispirtu tiegħek biex nikbru fl-għarfien tal-Kelma tiegħek biex naqduk fis-saltna tiegħek tal-għaqda, l-umilta' u mħabba.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej Ġesu', li tnissel fina it-tama permezz tal-mejda ta' dan is-sagrament tal-Ewkaristija, fejn niltaqgħu miegħek, ressaq il-komunitajiet Insara aktar lejn xulxin biex ikunu Knisja waħda.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

Mulej Ġesu', imliena bil-kuraġġ u l-qawwa biex nimpenjaw lilna nfusna fil-mixja ta' konverżjoni biex il-Knejjes Insara isiru aktar ħaġa waħda kif tixtieqna Int u b'hekk id-dinja temmen li Inti l-mibgħut tal-Missier.
*Mulej, għaqqad lilna l-Insara aktar flimkien*.

*Pawsa qasira*

Inħejju ruħna biex nirċievu l-Barka ta' Ġesu' fl-Ewkaristija.

## Tagħrif ieħor

Siti elettroniċi utli għal informazzjoni ekumenika:

Pontifical Council for Promoting Christian Unity: http://www.vatican.va/roman_curia/pontifical_councils/chrstuni/index.htm

Taize community: www.taize.fr

Centro pro unione: http://www.prounione.urbe.it

Anglican Communion official website: http://www.anglicancommunion.org/

Bose monastic community: http://www.monasterodibose.it

Societas Oecumenica: http://www.societasoecumenica.net/
Centro Ecumenico – Bari/Atene:
http://www.basilicasannicola.it/centroecumenico

Stampat fis-Segreterija Pastorali,
Kurja tal-Arċisqof, Floriana, 6 ta' Jannar 2012